Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida

IS-SEBAT LEĠISLATUR

Laqgħa Numru 57

It-Tlieta 25 ta'April 2017

Il-Kunsill Lokali l-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-Imsida, fis-6.00p.m.

PREŻENTI:

Margaret Baldacchino Cefai – Sindku
Charles Selvaġġi – Kunsillier
Matthew Agius – Kunsillier
Romina Galea – Kunsillier
Maurice Agius – Kunsillier
Emanuel Brincat – Kunsillier
Lino Bartolo - Kunsillier
Alan Abela Wadge – Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Dr.Alex Sciberras – Viċi Sindku
Matthew Mangion -Chairperson KAS

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Alan Vella – Segretarju Eżekuttiv

Minuti | Korrezzjoni ta'minuti

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

**57.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

57.1.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qara l-ittra ta' apoloġija tal-Viċi Sindku Alex Sciberras li talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' xogħol

57.1.02 Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-ittra ta'apoloġija tac-Chairperson KAS Matthew Mangion li talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' xogħol

57.1.03 Il-Kunsilliera prezenti aċċettaw l-ittri ta' apoloġiji.

**57.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

57.2.01 Il-minuti ta' Seduta Nru 56 ttieħdu bħala moqrija u ma kienx hemm korrezzjonijiet.

57.2.02 Il-minuti ġew approvati unanimament.

**57.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

57.3.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda <dc 57/3/1>Cirkulari 10/2017 Immanigjar tal-Iskart Elettriku u Elettroniku.

57.3.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda <dc 57/3/2>Nirricikla ghall-Istrina 2017.

57.3.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda <dc 57/3/3>Statistics IRO legal letters March 2017.

57.3.04 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda <dc 57/3/4>CC122/17 Tarag Msida Konfini.

57.3.05 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda <dc 57/3/5>Talba ghall Bicycle parking.
Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qal li qed jinnota li qed ikun hemm zieda ta' nies fosthom zghazagh barranin li juzaw rota fit-toroq u hemm bzonn li l-kunsill jahseb fejn dawn jistghu jigu marbuta meta dawn ma ikunux qed jinstaqu.
Il-Kunsilliera Emanuel Brincat u Maurice Agius ghamlu xi suggerimenti fejn dawn jistghu isiru u gie propost biex naraw fejn hemm spazji popolari qewwa l-Imsida li jistghu jigu kkunsidrati biex dawn isiru.

57.3.06 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda <dc 57/3/6>Robotics this Summer TCTC Summer 2017 u spjegat is-suggett u kemm jiswa jekk il-kunsill jiddeciedi li joffrih ghat-tfal tal-Imsida.

Is-Sur Lino Bartolo qal li hemm bzonn naraw x'isir bil-kamra ghax mhux sew li l-kunsill ihallas ammonti ta' flus u ma jiehu xejn lura anzi jonfoq bhal dawl u l AC.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai qalet li l-kamra meta tqis li giet attrezzata kompletament mill-operatur u li dawn jiswew il-flus u anke spejjez ohra ta' manutenzjoni.Trid tqis ukoll li dawn l-courses hemm min qed jghallem u dan huwa mhallas mill-operatur.
Is-Sur Maurice Agius qal li l-Kunsill qed ihallas flus ghall- korsijiet li jkunu miftuha anke ghall-lokalitajiet ohra u li jsiru fil-kunsill Lokali tal-Imsida izda hafna drabi ma jkunx hemm hafna nies mill-Imsida li japplikaw.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai spjegat li dan fil-fatt bhala prezz jiswa aktar minn kemm il-kunsill mitlub ihallas u s-somma tkopri sa 60 tifel u tifla. Jekk biss tigbor is-somma mitluba meta taqsamha f'10 studenti din tiqi daqs kemm hu normalment mitlub kieku dawn qed imorru jiehduh ghar-rashom.
Il-Kunsilliera prezenti ddiskutew u qablu li jekk ikun hemm domanda u interess mit-tfal tar-residenti tal-Imsida dan ghandu isir.

57.3.07 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda <dc 57/3/7>Triq it-Torri c/w L. Zamenhoff LESA Law enforcement.

Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsill li baghat numru ta' rapporti lill-LESA dwar abbuzi ta' parkegg li kien qed johloq kongestjoni shiha biex forsi isir infurzar. Hawn kompla jispjega li wara li hass li ma kien qed isir xejn mar flimkien mas-Sur Charles Selvaggi jitkellem ma' ufficjali tal-LESA

Is-Sur Charles Selvaġġi qal li l-LESA weghdet li ghandhom jibaghtu aktar ta' spiss ufficjali taghhom biex jinfurzaw u jidher li sal- gurnata<tal-llum> qed jibghatu ufficjali jduru u jaghmlu ronda go l-Imsida. | mizjuda: <__>

57.3.08 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda <dc 57/3/8> Kumitat Regjun Centru-Laqgha fuq Bye-Laws u spjegat li minn numru ta' proposti r-Regjun ghazel li ser jahdem fuq zewg Bye Laws.

57.3.09 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda <dc 57/3/9>Cirkulari 9/2017 Inizzjativa finanzjarja-Local Government Culture u spjegat li dawn il-fondi nistghu napplikaw ghalihom jekk ikun hemm il-hsieb li tigi organizata attivita' kulturali li tkun b'tema b' sahhitha u tibqa' issir fuq medda ta' snin. Din tkun tista' tigi nkluza fil- kalendariu kulturali li hu mahsub li ikopri sa tlett snin ohra .
Is-Sur Lino Bartolo qal li ha jkellem lis-Sur A. Marshall bil-ghan li jiehu xi ideat u suggerimenti biex il-Kunsill ikun jista' jippartecipa.

57.3.10 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda <dc 57/3/10> Applikazjoni-Commonwealth Local Government Conference-Study Visits u gharrfet lill-kunsilliera bis-suggett.

57.3.11 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda <dc 57/3/11> Invit wirja ta' Ortikultura.

Is-Sur Lino Bartolo qal li se jaghmel bhas-snin ta' qabel u jipprezenta qoffa bil-fjuri.
Il-Kunsilliera prezenti qablu u approvaw.

57.3.12 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda <dc 57/3/12>Ticket 70962 dwar il-livell baxx ta' dawl fit-toroq Imhallef Pawlu Debono u Mikiel Anton Vasalli
Il-Kunsilliera prezenti ddiskutew u gie suggerit u sar qbil li dan ghandu ikun iccekjat u jekk jinstab baxx isir dak li hemm bzonn.

57.3.13 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar il-Laqgha Annwali Generali Regjun Centru fejn avzat li ntbaghtu l-inviti u talbet lill-kunsilliera prezenti biex javzaw jekk ikunu ser jattendu.

57.3.14 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet fuq ir- rapport dwar Regional Economics Social and Cultural Plan u tat spjega qasira.

57.3.15 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda talba ghal-Loading/Unloading bay quddiem garaxx tal-istess applikant <dc 57/3/15>il-kunsill approva u ma sabx oggezjoni.

**57.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

57.4.01 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti li ntbaghtet ittra lir-residenti ta' triq Indri Grima biex tispjega l-posizzjoni tal-Kunsill li qed joggezzjona ghall-applikazjoni ta' zvilupp fuq Wied l-Imsida PA 0013/17.
Is-Sur Emanuel Brincat gharraf lill-Kunsilliera prezenti li ga saret oggezzjoni mir-residenti b'forma ' petizzjoni li twasslet permezz tal-Perit Cacopardo u issa fadal l-oggezzjoni li qed iheġġi il-perit tal-Kunsill.

57.4.02 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti dwar it-talba ghal no objection biex jitwahal Billboard minn Trejqet Box Box, ihares fuq il-by pass ktibna lil Francoise Chetcuti ghad- dettalji msemmija u fl-istess hin giet mgharrfa li l-Kunsill qed joggezzjona ghall-Billboard iehor propost quddiem il-Knisia.
Is-Sur Maurice Agius ppropona li ghandhom isiru xi pots fil-post msemmi.

57.4.03 Is-Segretarju Ezekutti Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti dwar zvillup kif propost go PC 0010/17 go Triq it-Torri Msida. Ntbaghtet il-No objection.

57.4.04 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti li ktibna lilll-Perit Philip Farrugia dwar no objection ghal PA 3578/16 biex jickien planter go Triq Oscar Zammit.

57.4.05 Is-Sur Lino Bartolo tkellem dwar il-kuncert bl'accordian li ghal darb'ohra ghandha tintghazel gurnata hin u post ahjar biex dan isir.
Is-Sur Emanuel Brincat qal li jaqbel ghax kien hemm ftit ta' konfuzjoni waqt il-hin tal-ufficcju.

57.4.06 Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk kienx hemm xi hsieb dwar id-Deputat Segretarju Ezekuttiv.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai qalet li ghadu ma giex deciz u li ghandha tigi diskussa f'seduta aktar 'il quddiem.

57.4.07 Is-Sur Charles Selvaġġi staqsa dwar l-attivita' l-Inflorata u talab biex tintbaghat Nota ta' Apprezzament lil dawn iz-zaghzagh voluntiera tal-bicca xoghol sabiha li ghamlu.

57.4.08 Is-Sur Charles Selvaġġi staqsa jekk kienx hemm zviluppi fuq il-Problema ta' Triq is-Sarg.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wiegbet li ghaddiet ir-rapport lill-inginier tal WSC u talbet biex isir dak li hemm bzonn.

57.4.09 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti li l-footage ghadu ma telghax minhabba manutenzjoni fuq il-pagna ta' Facebook
Is-Sur Charles Selvaġġi staqsa dwar il-problema ta' Facebook.
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb li pagni ta' FB ufficjali jiehdu xi ftit taz-zmien meta tkun trid tbiddel xi parti mill-profil u dawn qed jirrangaw il-logo tal-Kunsill.

57.4.10 Is-Sur Maurice Agius staqsa dwar il-garanzija tal-perit ta' Café Guzeppe fuq il-bankina.

Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb li ghalkemm kellmu diversi drabi dan ghadu ma baghat xejn u li dan ghadu qed jigri wara il-perit tieghu li jinsab imhabbat minhabba xoghol politiku.
Is-Sur Emanuel Brincat qal li ghandna nergu niktbu bl-avukat.

Is-Sur Maurice Agius qal li jaqbel li niktbu darb'ohra u naghmlu cc. lill-PA.

57.4.11 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-Kunsilliera prezenti li ser jiltaqa' mal-operatur ta' Next Bike minhabba li hemm bzonn li ticclaqlaq Bike stand faccata tal-Iskate Park minhabba ittra minghand l-avukat tas-showroom li qed jghid li din hija sit privat li b' ftehim ma' TM hallihom juzawha bhala bankina izda ma jistax jacetta li tintuza ghall-uzu kummerciali.
Il-Kunsilliera prezenti ddiskutew fejn dan jista' jitwahhal u saru xi suggerimenti.

57.4.12 Is-Sur Maurice Agius baqa' jinsisti li ghandu jingabar xi forma ta' hlas ghar-reklamar li hemm fuq ir-roti minghand l-operatur.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai qalet li m'hemmx riklami fuq l-istands.

Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella qal li l-Bye law ma tipprevdix din is-sittwazjoni ghax ir-rota mhix fissa fuq il-post izda marbuta ma' stand bhalma tista' tkun rota ohra marbuta ma' xi Ubar jew karozza b'riklam fuq sticker mal-hgieg "pparkjata ghal ftit hin go parking bay".
Is-Sur Charles Selvaġġi tkellem fuq il-kuncett tal-byelaw ghal xiex saret u fuq kwistjonijiet ta' ambjent fejn qed jigi inkoraggit l-uzu tar- roti.
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella spjega li kif gieli kkumenta, l'uzu tar-roti qed jizdied u dan ser iwassal biex 'il quddiem il-kunsill irid jahseb fejn dawn jistghu jintrabtu.

57.4.13 Is-Sur Charles Selvaġġi staqsa dwar spezzjonijiet tal-Greenpak.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wiegbet li saru spezzjonijiet f'diversi toroq u sabu boroz suwed barra meta mhux suppost.Fejn raw nies jaghmlu hekk dawn kelmuhom u geluhom idahhluha lura d-dar izda kien hemm hafna li kienu ga barra u ma sabux ta' min huma. Fejn kien hemm bzonn habtu bibien biex jipprovaw jispjegaw lin-nies.
Is-Sur Charles Selvaġġi staqsa dwar CCTV.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai spjegat li sibna persuna li accettat li toffri fergha dawl biex tehel kamera go Triq Censu Farrugia u wara bidlet il-fehma , biss kien hemm persuna ohra li offriet id-dawl u ga mar technician biex jara x'hemm bzonn u dan ghandu jibaghat l-istima lill-Cleansing halli dawn ikunu jistghu imexxu.

57.4.14 Is-Sur Maurice Agius staqsa dwar iz-zebra crossing go Triq Rue d'Argens u qal li hemm bzonn li ticclaqlaq.
Is-Sur Emanuel Brincat wiegeb li talab lill TM biex imexxu fuqha u jekk hemm bzonn il-kunsill jaghmel iz-zebgha ghax ir-rampi ga lesti u t-TM taghmel id-dawl.
Is-Sur Maurice Agius qal fil-kaz ghandu isir xi xoghol fuq il- bankina jew Ubars minhabba l-madum tar-rampi ghan-nies neqsin mid-dawl biex jigi evitat xi incident.
Is-Sur Charles Selvaġġi ppropona li ghandha issir speed camera u tabelli ghax qatt ma basar kemm hemm min qed isuq b'mod eccessiv go Triq Rue D'Argens.
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb li dwar il-kamera hu ser jitlob lill-LESA u dwar it-tabelli gharraf lill-kunsill li dawn ga ha hsieb jordna tnejn ta' 50 KM u li ser isiru stencils biex it-toroq ikunu mmarkati.

57.4.15 Is-Sur Maurice Agius staqsa dwar u talab biex un/loading bays fi Triq Rue d'Argens u t-Triq t-Tabib Robert Naudi jitnehhew u spjega li fil-kaz ta' Triq Robert Naudi mhux qed tintuza ghall dak l-iskop.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai spjegat li fil-kaz ta' Triq Rue D'Argens <hdejn in-Nissan> kienet tnehhiet u giet kkapparata minn vetturi bin-numru tat-telefon u ghalhekk regghet saret timed common loading / unloading u filghaxija tista' tintuza bhala parking bay. Fil-kaz ta' Triq t-Tabib Robert Naudi taqbel u pproponiet biex tigi nfurmata t-TM u tinbidel f'parkegg normali. mizjuda: <__>
Il-Kunsilliera prezenti qablu unanimament.

57.4.16 Is-Sinjura Romina Galea qajmet ilment dwar sprall li qed jinqala' ghal xi raguni go Triq il-Kuncizzjoni.

Is-Sur Emanuel Brincat wiegeb li ser jiccekkja u f'dak il-kaz dan jigi ssigillat.

57.4.17 Is-Sur Charles Selvaġġi staqsa dwar il-hmieg fil-funtana ta' Victor Denaro.

Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb li din regghet tnaddfet.

Is-Sur Lino Bartolo qal li hemm in-nies qed ikunu qed jixorbu u jarmu gol-funtana

Is-Sur Emanuel Brincat qal li ppropona li din ghandha timtela bil- hamrija.

Is-Sur Charles Selvaġġi ppropona biex jigi kkunsidrat li hemm isir outdoor gym li ikun utli quddiem l-iskola ghax go l-Imsida m'hemmx wiehed.
Is-Sur Emanuel Brincat ppropona li naraw mal-periti kemm tista' tigi l- ispiza.

57.4.18 Is-Sur Charles Selvaġġi staqsa jekk hemmx risposta fuq il-ligi u l-inxir fil- galleriji.

Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb li s'issa kull ma sab li hemm proposta ta' Byelaw fil-kunsill ta' San Pawl il-Bahar.

57.4.19 Is-Sur Lino Bartolo talab dwar triq Censu Farrugia biex issir xi haga urgenti biex it-TM taghmel il- parti mhux mghoddija bit-tarmak minhabba li issa giet qisha trinka u perikuluza hafna.
Is-Sur Emanuel Brincat qal li qed jigri wara t-TM biex din issir izda s'issa ghadu ma hareg l-ebda tender.

Is-Sindku wiegbet li illha zmien tigri wara TM biex din issir.

Is-Sur Lino Bartolo ppropona biex ghalmenu jingab materjal u din il- bicca timtela bih.

57.4.20 Is-Sur Lino Bartolo staqsa dwar taqtir tal-ilma tal-AC li qed imur got- triq minn Marina Home.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wiegbet li kellmet lid-direttur u qallha li ser jara x'jista' isir.

Is-Sur Maurice Agius qal li jista' jitfa' dirett go l-isprall.

57.4.21 Is-Sur Lino Bartolo tkellem dwar il-kuncert tal-gimgha mqaddsa u dwar l attendenza.

**57.5 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

57.5.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda <dc 57/5/1>Kirja tal Binja u spjegat li l-kunsill gie avvicinat mill-Ministeru ghal Familja u Soledarjita Socjali biex jikru minghand il-Kunsill it-<tieni> sular tac-Centru Civiku biex issir Family Resort Centre. Hawn pprezentat ghad- diskussjoni d-dokument bil-kundizzjonijiet proposti ghall-kirja.<ta' 20000 euro fis-sena>

<tielet> mibdula mizjuda: < __ >

Is-Sur Emanuel Brincat spjega fid-dettal id-diskussjoni preliminari li waslu ghall-proposti pprezentati ghall-kirja u gharraf lill-kunsilliera prezenti li s-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella ga gharraf lid-Direttur tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn talab u ha l-pariri mehtiega biex il-kunsill ikun konformi mar-regolamenti.

Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella spjega li kif hemm miktub fil-kuntratt kiteb lid-dipartiment tal-artijiet biex igharraf bil-hsieb tal-kirja u jitlob l-approvazzjoni tad-dipartiment.

Is-Sur Charles Selvaġġi staqsa dwar min ser jaghmel il-finishing peress li l-fond ghadu gebel u saqaf.

Is-Sur Emanuel Brincat wiegeb li ser jaghmel kollox l-inkwilin.

Il-Kunsilliera prezenti laqghu tajjeb il-proposti u ddiskutew dak li kien hemm miktub fejn ghamlu il-kummenti jew mistoqsijiet taghhom.

1.7 gie deciz li dan ghandu jigi iccekkjat mill-perit.
1.9 biex jigi iccarat.
3.1 ikun specifikat li l-post huwa gebel u saqaf.
3.1 il-madum jaghmlu l-inkwilin.
3.1 id-dawl u ilma jigi mghoddi mill-inkwilin.
3.1 Trunking.
4 tigi ccarata l-uzu tal-bejt.
5 Uzu u tizjin tal-galleriji ghall-festa u okkazjonijiet.

Is-Sur Lino Bartolo qal li hemm bzonn niccekjaw il-percentagg ta' kemm tghola il-kera u spjega li din ghandha tkun tirifletti b'mod gust il-valur ta' kiri matul is-snin.

Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk il-Kunsill jistax jixtri ic-cens.

Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella qal li jista' jistaqsi f'dan ir-rigward.

Is-Sur Lino Bartolo tkellem fuq il-lift u il-kondominju u spejjez ta' manutenzjoni.

Is-Sur Matthew Agius qal li jidher li <qafas tal-ftehim huwa tajjeb izda il valur tal-bini joghola u ma jkunx viabli jekk ma nitolbux kumpens ghalih>

mizjuda:<__>

Il-Kunsilliera prezenti qablu li dawn il-punti ghandhom jigu ccarati fil- ftehim u jsir dak li hemm bzonn biex tinghata l-approvazzjoni mehtiega ghal gid tal-lokal.

57.5.02 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar il-problema tal-hamiem.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai qalet li kien hemm xi lmenti u ttiehdu xi ritratti.

Is-Sur Maurice Agius ppropona biex dawn nibghatuhom lill-pulizija flimkien ma' kopja tal-Bye Law.

57.5.03 Is-Sur Maurice Agius staqsa dwar il-kuntratti tal-gbir ta' skart u knis.

Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb li d-dipartiment, permezz tal- monitoring, raw id-dokumenti u ghamlu s-suggerimenti taghhom biex isiru xi korrezjonijiet u qed jahdem fuq dawn. Meta jkunu lesti ikun jista' jaghmel is-sejha online.

57.5.04 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai qalet li l-festa qieghda fil-vicin u hemm bzonn li jinbdew il-preparamenti tas-soltu.

Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella qal li minn naha ta' amministrazzjoni ga beda ix-xoghol fuq il-permessi u ga saru xi pjanijiet kif ser jitqassam ix-xoghol u il-hinijiet u talab li jekk is-soltu jinhatar Sotto Kumitat li jiehu hsieb affarijiet konnessi mal-attivita' gieh l-Imsida u ohrajn, dan ghandu jinhatar biex jibda x-xoghol b'mod specjali. Jekk hemm bzonn, cirkulari ta' attivitajiet u xoghol iehor minn naha tal-haddiema fuq barra, biex inkunu ppreparati minn quddiem.<Gie propost biex jintbghat supervisur mill kunsill biex jassisti fuq l-ordni>

mizjuda:<__>

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pproponiet li dan ghandu jinhatar.

Is-sottokumitat gie ffurmat mis-Sindku Margaret Baldachino Cefai u l-kunsilliera Lino Bartolo u Maurice Agius.

57.5.05 Is-Sur Lino Bartolo tkellem dwar van go triq l-Universita li ilu pparkjat zmien u li daqt tiskadi il-licenzja. Biex niehdu hsieb.

Is-Sur Lino Bartolo tkellem dwar djar tal-qtates go Triq l-Universita u Triq Victor Denaro.

Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb li dawn il-kazijiet ircevejna bosta lmenti minn naha tar-residenti u anke tickets fejn dawn qed jghidu li qed jgibu hafna abbuzi ta' rimi ta' skart u hmieg iehor.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai qalet li tkellmet diversi drabi ma' dawn il-cat feeders izda jidher li ghalkemm xi whud huma tal-affari taghhom, ohrajn u anke certu residenti ma jaghtux kaz u ha nispiccaw jew jigu tal-cleansing u jizbarrazaw huma u jibghatu l-kont jew jizbarrazza il- kunsill, ghalhekk ser tavza lil dawn u naqbdu nizbarazzaw.

Is-Sur Lino Bartolo tkellem dwar Xatt L-Imsida u l-problema tal-hamiem u talab biex issir rejd< u ninkludu Rue d'Argen> mizjuda:<__>

57.5.06 Is-Sur Lino Bartolo tkellem dwar zvillupp li ilu ghaddej fi Triq Santa Venera ma' Triq il-Qawsalla fejn hemm boundary wall, biex naraw jekk nistghux naghmlu xi haga dwar il-bankina.
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb li dan ilu hemm ghal hafna xhur u kif inhuma r-regoli, l-kunsill ma jistax jitlob hlas ghal boundary wall. Meta tkellem mas-sid tal-art, dan qallu li kien hemm diversi problemi meta sar it-tqattiegh tal-blat. Jidher car li dan ma jistax johrog bankina ohra minhabba il-wisa tat-triq.

57.5.07 Is-Sur Lino Bartolo tkellem dwar il-hafna binjiet li hawn, biex nitolbu isiru wind breakers minhabba t-trabijiet.
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb li ga tlabna xi kuntratturi biex jaghmlu dan. Hawn min ha hsieb u ohrajn le u il-kunsill qed ikompli jinsisti biex dawn isiru u fejn hemm bzonn ser jitlob l-ghajnuna tal-awtorita' responsabbli.

57.5.08 Is-Sur Matthew Agius tkellem dwar gheluq ta certu toroq nhar ta Sibt minhabba kostruzjoni<biex issir sorveljanza ahjar u jiderigu bl ghajnuna ta'sinjali cari ta'devjazjoni> mizjuda:<__>
Is-Sur Emanuel Brincat wiegeb li dan isehh minhabba li TM tippermetti xoghol f'certu toroq nhar ta' Sibt biss.

57.5.09 Is-Sinjura Romina Galea tkellmet dwar Triq il-Wied fejn xi hadd rema' xi demel.

57.5.10 Is-Sinjura Romina Galea tkellmet dwar karozza mitluqa go Triq il-Kuncizzjoni.

57.5.11 Is-Sur Maurice Agius talab biex niccekkjaw bieb ta' garaxx bit-<targa> quddiemu go Triq Antonio Sciortino. <tarag> mibdula

57.5.12 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar bini li huwa lest go triq it-Tabib Robert Naudi, biex jigi zarmat il-Boundary wall u ssir il-Bankina.
Is-Sur Emanuel Brincat qal biex naghmlu kuntatt mas-site manager biex jiehu hsieb.

57.5.13 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar il-gbir ta' labar ta' siringi uzati ghad-diabete, fejn staqsiet l-isptar jekk jiehdux dawn il-labar u infurmawha li dawn ma jingabrux minn hemm izda dawn jistghu jintremew go sit apposta u tinghata kontenitur gdid.
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella qal ha jitkixxef biex jara x'jista' isir.

57.5.14 Is-Sur Lino Bartolo tkellem dwar Xatt l-Imsida u l-problema tal-hamiem u talab biex isir rejd.

**57.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju Awditjat**

57.6.01 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella pprezenta fuq il-mejda <dc 56/3/1> Rapport Finanzjarju Awditjat ghas-sena 2016 u spjega li dan ir-rapport kellu jghaddi ghal ghand l-awditur generali sal-gimgha 28 ta'April.

Il-Kunsilliera prezenti ddiskutew u staqsew dwar diversi punti fir-rapport.
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb u spjega li l-awdituri ghamlu gimgha shiha il-kunsill u saru bosta kjarifiki u dan ghandu iservi ta' gwida ghal din is-sena fejn jistghu jigu rrangati certu prattici biex inkunu aktar konformi mar-regolamenti.
Il-Kunsilliera prezenti approvaw unanimament.

**57.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

57.7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda l'Iskeda 12 sa' 14 ta' ħlasijiet għall-approvazzjoni tal-membri.
Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti li ghamel rikonciljazzjoni shiha tal-ammonti dovuti lil Wasteserve u kif qal f'seduta precedenti qed jipprezenta stampa cara f'hiex jikkonsistu l-invoices pendenti u prezenti. Jidher car li l-allokazzjoni tas-snin ta' qabel ma kienitx qed titthallas b'mod regolari u hemm bilanc dovut lil Wasteserve.
Is-Sur Lino Bartolo staqsa kif ser isir biex nigu inregola.
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella spjega li sakemm kien qieghed jaghmel din ir-rikonciljazzjoni l-Wasteserve kienet ga baghtet korrespondenza fejn talbet lid-dipartiment jiehu azzjoni fuq diversi kunsilli biex dawn jigu inregola u dan ordna lill-kunsilli biex fi zmien xahar jgharrfu lid-dipartiment kif bi hsiebhom jaghmlu. Hawn pprezenta fuq il-mejda dokument <dc 57/7/1> fejn b'ftehim mal-Wasteserve u d-Dipartiment fejn qed juri pjan ta' hlas ta' invoices tas-snin ta' qabel biex jinqatghu u fl-stess hin kif maqsum il- hlas mill-allokazzjoni ta' din is sena biex tkopri l-ispiza kurrenti. Dan ser iwassal biex sa tmiem is-sena il-kunsill ikun in-regola.

L-Iskeda giet proposta mis-Sur Lino Bartolo u ssekondata mis-Sue Emanuel Brincat.
Skeda ġiet approvata unanimament.

**57.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

57.8.01 Il-laqgħa intemmet 8:55 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għat-23 ta' Mejju 2017 fil-5:30 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

| | |
|---|---|
| Margaret Baldacchino Cefai | Alan Vella |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |